# Knisja ta' San Leonardu f'Buleben

**Perit Ruben Abela**
President ta' Wirt iż-Żejtun

*Hu ta' sodisfazzjon kbir għalina li artiklu li deher fil-ħarġa ta' sena ilu wassal għal aktar riċerka mill-Perit Ruben Abela u l-għaqda Wirt iż-Żejtun dwar il-knisja ta' San Leonardu f'Buleben, fil-limiti taż-Żejtun. Din ir-riċerka ġibdet l-attenzjoni ta' diversi ġurnali lokali u siti eletroniċi li għoġobhom jippubblikaw, u kienet strumentali sabiex ġew reveduti l-pjanijiet inizjali ta' estensjoni ta' żvilupp fiż-żona industrijali ta' Buleben. Ruben Abela għoġbu jwasslilna r-riċerka li wettaq.*

Il-Malti jgħid "Kull deni ħudu b'ġid". Il-każ tal-proposta ta' estensjoni taż-żona industrijali f'Buleben, fiż-Żejtun, serviet ta' spunt importanti għal Wirt iż-Żejtun sabiex tistudja aktar mill-qrib din iż-żona li darba kienet fewdu importanti ħafna u sinjura fil-produzzjoni tal-uċuħ tar-raba'. Fil-fatt l-isem stess Bu-Laben ifisser art il-ħalib. Il-Malti wkoll kellu proverbju marbut ma' dawn l-inħawi – *Mela ħsibtni minn ta' Buleben?!* meta kien jirreferi għal xi ħadd tat-tajjeb.

Il-jiem ta' matul ix-xahar ta' Frar li għadda nistgħu ngħidu li kienu l-aktar eċċitanti minn kemm ilha mwaqqfa l-għaqda Wirt iż-Żejtun. Ma ħallejniex it-tensjoni tiġri bina, iżda minflok għarafna kif mill-informazzjoni li bdejna niġbru mingħand in-nies, mill-inħawi ta' Buleben u saħansitra minn barra ż-Żejtun, kif ukoll minn riċerka li wasslitna wkoll fl-arkivji tal-Biblijoteka, għamilna sejbiet ta' interess kbir, tant li kienu l-punt ewlieni biex il-pjanijiet li kien hemm ġew irtirati. Waħda mill-isbaħ sejbiet li għamilna kienu l-inħawi li fiha kien hemm knisja ddedikata lil San Leonardu.

Il-kult ta' San Leonardu f'Malta jinsab mifrux f'diversi nħawi tal-gżejjer tagħna u għandna saħansitra parroċċa ddedikata lil dan il-qaddis, dik ta' Ħal Kirkop. Kien proprju s-Sur Kenneth Cassar, ħabib u kollega tiegħi minn dan ir-raħal li ġibidli l-attenzjoni għal riċerka li ppubblika s-sena l-oħra fil-ktieb tal-festa tal-Għaqda Mużikali San Leonardu. Din ir-riċerka tagħmel referenza għal diversi visti pastorali li saru matul iż-żminijiet, bi wħud minnhom tradotti għall-Malti mill-Professur Horatio Vella. Waħda mill-visti pastorali li ssir referenza għaliha hija dik li saret minn Mons. Pietro Dusina fl-1575. F'din iż-żjara, Mons. Dusina jsemmi knisja rurali ddedikata lil San Leonardo li kienet mibnija fil-fewdu tal-Gran Mastru. Kellha artal wieħed, bla bibien, bla rettur, mingħajr ebda dħul u bla ebda dekorazzjoni. Jidher li kienet knisja fqira ħafna. Il-festa ta' dan il-qaddis f'din il-knisja kienet tiġi ċċelebrata, darba mill-Parroċċa ta' Santa Katarina u s-sena ta' wara mill-Parroċċa ta' Santa Marija ta' Bir Miftuħ. Waqt iż-żjara tiegħu, Mons. Dusina wissa lill-Gran Mastru biex jieħu ħsieb din il-knisja.

Xi snin wara, l-Isqof Baldassare Cagliares, waqt iż-żjara pastorali tiegħu jikteb li din il-knisja



TIMES OF MALTA

Saturday, February 24, 2018 | No. 25,600

www.timesofmalta.com

EDUCATION
Assaulted assistant head claims reputation damaged
PAGE 5

HISTORY
Memorial plaque to HMS Southwold
PAGE 7

FOOTBALL
Valletta, Birkirkara go head-to-head
PAGE 35

Thai police 'unhelpful' to relative of road victim
DENISE GRECH

Lost medieval church?



TIMES OF MALTA SATURDAY, FEBRUARY 24, 2018 | 3

NATIONAL

Church remains could be under Bulebel land, NGO is warning

DENISE GRECH

"Pottery in the area dating back to the knights was also found"

***Riċerka li ġibdet l-attenzjoni ta' diversi ġurnali fosthom tat-*Times of Malta *nhar l-24 ta' Frar 2018***




***Mappa tas-seklu 17 li tagħmel referenza għal knisja ta' San Leonardu fil-limiti taż-Żejtun***

kienet ġiet iddekonsagrata fl-1615 u jsemmi li din il-knisja kienet tinsab fl-inħawi magħrufa bħala *"Tal-Qassasa ta' Buleben"*.

F'pubblikazzjoni oħra, *"Il-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Tarxien 1610 – 2010"*, ippubblikat mill-Parroċċa tal-Lunzjata ta' Ħal Tarxien, Mons. Vincent Borg jagħtina aktar dettalji dwar din il-knisja. Huwa jirreferi għall-atti tal-vista pastorali tal-1600 fejn jingħad li ċertu Ġanni Sammut mill-Birgu kien jieħu ħsieb din il-knisja. F'din iż-żjara pastorali, din il-knisja kienet imniżżla mal-kumplament tal-knejjes rurali tal-Parroċċa ta' Santa Katarina. Jissemma wkoll li quddiem din il-knisja kien hemm ċimiterju u li kien hemm devozzjoni kbira lejn din il-knisja b'mod partikulari minn dawk li xi darba sofrew l-iskjavitù. San Leonardu kien il-qaddis protettur tal-iskjavi.

Wara li sirna nafu b'din l-informazzjoni dwar din il-knisja u l-lok li ssemma, xogħolna kien li minn fuq il-mapep, kemm antiki kif ukoll dawk aktar riċenti, nippruvaw niddentifikaw fejn setgħet kienet mibnija din il-knisja. Fil-fatt, fuq mapep tas-Seklu sittax u oħrajn tal-bidu tas-Seklu sbatax, il-Knisja ta' San Leonardu tidher immarkata b'ċerta importanza u għalkemm ma hemm ebda referenza għall-isem tal-post, din tidher fuq għolja bejn Ħaż-Żabbar, iż-Żejtun u Ħal Tarxien. Meta studjajna pjanti aktar riċenti, l-*Ordinance Survey Sheets* tal-1968, sibna post immarkat u msemmi "It-Taqsisa". Din iż-żona mhix mibnija u tinsab faċċata tal-fabbriki matul Triq il-Merħla u madwar 250 metru 'l bogħod minn kumpless ta' rziezet mibnija mill-Gran Mastru Perellos, li kumbinazzjoni skoprejna ftit jiem qabel.

Meta wieħed jistudja l-ismijiet tal-postijiet jara li hemm xebh kbir bejn "il-Qassassa" u "it-Taqsisa". Hemm l-istess għerq fiż-żewġ ismijiet u li aktarx qed jagħmlu referenza għall-istess sengħa.




**Ordinance Survey Sheet *tal-1968***
***b'referenza għall-inħawi magħrufa bħala it-Taqsisa***

Kien imiss li nżuru u nfittxu f'dawn l-inħawi għal xi ħjiel, jekk kien fadal, ta' din il-knisja. Sibna struttura li d-dehra tagħha mill-ewwel ġibditilna l-attenzjoni għaliex kienet tixbah sew lil struttura ta' kappella rurali. Sibna l-bidwi u stajna nidħlu biex narawha aktar mill-qrib. Għalkemm il-metodologija ta' kostruzzjoni u d-daqs tal-ġebla jistgħu jagħtu ħjiel ta' binja antika ħafna, din l-istruttura hija żgħira wisq biex tista' tkun knisja. Il-bidwi qalilna li fiha kien hemm niċċa ddedikata lill-Madonna.

Mill-ħamrija ta' madwar din l-istruttura ġbarna xi biċċiet tal-fuħħar li sibna fil-wiċċ u minn analiżi preliminarja jidher li xi wħud mill-biċċiet kienu ta' żmien l-Ordni. Żgur li dawn l-għelieqi jeħtieġ jiġu studjati aktar bir-reqqa u possibilment isiru xi skavi arkeoloġiċi biex naraw jekk il-binja li għad hemm tistax tkun parti mill-Knisja ta' San Leonardu, jew jekk għadx hemm xi fdalijiet minn din il-knisja moħbija taħt il-ħamrija. Li hu żgur, hu l-fatt li f'dawn l-inħawi kienet teżisti knisja li qatt ma smajna dwarha qabel. Għalkemm li l-kult ta' San Leonardu fiż-Żejtun ma nsibuh imkien, irridu ngħidu li fil-knisja parrokkjali ta' Ħal Tarxien hemm artal iddedikat lil dan il-qaddis.





***L-istruttura rurali, possibilment parti mill-knisja medjevali ta' San Leonardu mill-faċċata u minn wara (ritratti Ruben Abela)***